**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 17 ta' Marzu, 2016**

**Citazzjoni Nru: 57/2005 AF**

**Ronald Azzopardi, Mariella Azzopardi u HD Holdings Limited (C29720)**

**vs**

**Mario Galea Testaferrata li b'digriet tal-4 ta' Settembru 2008, wara l-mewt ta' Mario Galea Testaferrata, il-Qorti laqghet it-talba biex l-atti tal-kawza jigu trasfuzi favur Camilla Scerri, James Galea Testaferrata, Maria Galea Testaferrata u Dr. Simon Galea Testaferrata**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni mressqa minn Ronald Azzopardi, Mariella Azzopardi u HD Holdings Limited li permezz tieghu wara li gie premess illi:

F'diversi okkazjonijiet il-konvenut silef lill-attur Ronald Azzopardi ammonti ta' flus kontra id-disposizzjonijiet tal-Att

Numru XXII tal-1994 ossia l-Att dwar l-Istituzzjonijiet Finanzjarji (Kap. 376).

Meta l-konvenut silef lill-attur Ronald Azzopardi huwa talab il-hlas ta' imghax aktar minn tmienja fil-mija (8%) u cioé aktar minn dak li seta' kien permess mill-ligi.

Is-self li l-konvenut ghamel lill-attur Ronald Azzopardi, essendo dan is-self maghmul kontra d-disposizzjonijiet tal-Kap. 376, huwa null u bla effett stante li ghandu *causa* illecita.

In konnessjoni mas-self fuq imsemi l-attur l-ewwel ikkostitwixxi ruhu debitur tal-konvenut permezz ta' skrittura privata tat-28 ta' Ottubru, 2003 bejn il-konvenut u l-attur Ronald Azzopardi, liema skrittura gie issostitwita permezz ta' att pubbliku fl-atti tan-Nutar Dottor Margaret Heywood tal-25 ta' Frar, 2004 (ghal liema huma parti il-konvenut bhala kreditur, l-attur Ronald Azzopardi bhala debitur principali u s-socjetà attrici HD Holdings Limited bhala garanti solidali) kif supplimentat minn att pubbliku iehor fl-atti tan-Nutar Dottor Marco Burlo tal-25 ta' Gunju, 2004 (ghal liema l-att il-partijiet huma parti).

Il-konvenut ipprezenta zewg ittri ufficjali, wahda tal-11 ta' Gunju, 2004 kontra l-attur Ronald Azzopardi u ohra tad-9 ta' Awissu, 2004 kontra l-attrici Mariella Azzopardi, u a bazi tal-istess ittri ufficcjali ottjena il-hrug ta' zewg mandati ta' sekwestru numru 1456/2004 u 1471/2004 rispettivament fl-ismijiet "Mario Galea Testaferrata vs Ronald u Mariella konjugi Azzopardi" u "Mario Galea Testaferrata vs Ronald Azzopardi", kif ukoll istitwixxa proceduri bis-subbasta (subbasta numru 115/2004) kontra l-atturi Ronald u Mariella konjugi Azzopardi u s-socjetà attrici ghal bejgh bis-subbasta tal-appartament internament numerat 6 fil-korp ta' appartamenti 4/5, Triq Guze Howard, Sliema u tal-farmhouses fi Triq Marsalforn, Xaghra, Ghawdex.

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Tiddikjara illi inti slift flus lill-attur Ronald Azzopardi f'diversi okkazjonijiet kontra id-disposizzjonijiet tal-Kap. 376 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tiddikjara illi inti b'dan is-self f'okkazjonijiet diversi ghamilt negozju ta' istituzzjoni finanzjarja minghajr licenzja mehtieg skond il-ligi u dan kontra id-disposizzjonijiet tal-Kap. 376 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Tiddikjara ghalhekk illi l-imsemmi self kif rifless fl-iskrittura privata fuq tat-28 ta' Ottubru 2003 u fl-atti pubblici fuq imsemmija u cioè dak tal-25 ta' Frar, 2004 fl-atti tan-Nutar Dottor Margaret Heywood u l-iehor tal-25 ta' Gunju, 2004 fl-atti tan-Nutar Dottor Marco Burlo huwa null u bla effett stante li ghandu kawza illecita u ghalhekk huma nulli u bla effett l-istess skrittura u zewg atti notarili.

4. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess f'kaz illi t-talbiet precedenti ma jigux milqugha, tiddikjara illi l-ammonti indikati bhala dovuti mill-atturi lill-konvenut bhala self fl-imsemmija skrittura u atti pubblici jikkomprendu fihom imghax oltre it-tmienja fil-mija (8%) u cioè imghax li ma jistax jintalab mill-konvenut peress illi jmur oltre dak permissibbli mill-ligi.

5. Konsegwentement ghar-raba' talba, tirriduci l-ammont indikat bhala dovut mill-atturi lill-konvenut fl-imsemmija kuntratti b'dak l-ammont li dina l-Qorti tillikwida bhala rapprezentanti uzura.

6. Tiddikjara illi l-imsemmija mandati ta' sekwestri huma irriti u nulli.

7. Tirxxexindi l-imsemmija mandati ta' sekwestri.

8. Tiddikjara illi l-kuntratti pubblici fuq imsemmija mhumiex titoli ezekuttivi.

9. Twaqqaf is-subbasta fuq imsemmija okkorrendo billi tiddikjara li l-proceduri taghha huma irriti u nulli.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Salv kull azzjoni ohra spettanti lill-istanti.

Rat id-dikjarazzjoni u d-dokumenti annessi.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li in forza taghha gie eccepit illi:

It-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt, intizi biss sabiex itawlu l-proceduri, anzi biex il-proceduri ma jispiccaw qatt, biex b'hekk il-konvenut ma jkunx jista' jiehu flusu lura, u ghandhom ilkoll jigu respinti bl-ispejjez kontra l-atturi ghas-segwenti ragunijiet:

1. Li mhuwiex minnu li l-konvenut ivvjola l-Kap.376, kif qed jigi allegat, u ghalhekk l-ewwel tlett talbiet huma lkoll infondati u ghandhom jigu respinti.

2. Li l-atti pubblici huma validi ai fini w effetti kollha tal-Ligi.

3. Li huwa qatt ma talab imghax ghola minn dak permess mill-ligi, u ghalhekk ir-raba' u hames talbiet huma wkoll infondati, u jsegwi li dawn ukoll ghandhom jigu respinti.

4. Li ghall-istess ragunijiet surriferiti l-atti pubblici, il-mandati ta' sekwestru u l-procedura tas-subbasta huma regolari, validi u ghandhom kwindi jibqghu fis-sehh u jinghataw kull effett. Ghaldaqstant is-sitt, seba' tmien u disa' talbiet huma bla bazi legali w insostenibbli, u ghandhom ghalhekk jigu lkoll respinti.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Rat id-dikjarazzjoni tal-istess konvenut.

Rat l-affidavit prodotti.

Semghet xhieda viva voce.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawza l-atturi qed jitolbu lill-Qorti tiddikjara li self ta' flus minn Mario Galea Testaferrata lil Ronald Azzopardi sar bi ksur tal-Kap. 376 tal-Ligijiet ta' Malta. Jitolbu wkoll s-self u l-iskritturi li jirriflettuh huma nulli minhabba kawza illecita. Sussidjarjament jitolbu dikjarazzjoni li l-ammonti ndikati fl-iskritturi jikkomprendu imghax ta' aktar minn dak premess mill-ligi u ghalhekk ghandhom jigu ridotti. Konsegwentement jitolbu rimedji ohra fir-rigward tal-mandati mahruga fuq sahha tal-istess skritturi. Mario Galea Testaferrata jichad dan kollu u jsostni li sar kollox skond il-ligi u validament.

Mill-atti jirrizulta illi Ronald Azzopardi u Mario Galea Testaferrata kienu jafu lil xulxin u jiltaqghu ta' spiss. Fis-sena 2000 Ronald Azzopardi kellu bzonn jissellef flus minhabba diversi problemi li kellu. Talab lil Mario Galea Testaferrata u dan sellfu ammont li ntradd lura minghajr problemi. Ftit zmien wara Ronald Azzopardi beda jissellef aktar ammonti ta' flus u baqa' jaghmel hekk ghal zmien twil. Kull darba li jissellef Ronald Azzopardi kien johrog cheque "post dated" bl-ammont tal-kapital u l-imghax. Ghalkemm Mario Galea Testaferrata jghid li ma saret ebda rifuzjoni, isostni li baqa' jsellef lil Ronald Azzopardi sakemm ic-cifra mislufa lahqet is-somma li kibret konsiderevolment, u ghalkemm l-ammont preciz huwa kontestat, zgur qabzet il-Lm200,000.

Il-Qorti tibda biex tikkunsidra l-ewwel tlett talbiet fic-citazzjoni.

L-Art 3(1) tal-Kap. 376 jipprovdi illi:

> *"Ebda kummerċ ta' istituzzjoni finanzjarja ma għandu jsir f'Malta jew minn Malta ħlief minn kumpannija li jkollha liċenza mogħtija taħt dan l-Att mill-awtorità kompetenti."*

Istituzzjoni finanzjarja tfisser:

> *"istituzzjoni finanzjarja tfisser kull persuna li b'mod regolari jew abitwali tikseb holdings jew twettaq xi attività mnizzla*

*fl-Iskeda akkont u ghar-riskju tal-persuna li tkun qed twettaq dik l-attività....".*

Ghar-rigward tal-kliem "regolari" u "abitwali" il-Qorti tirreferi ghas-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza Azzopardi vs Bonello (3 ta' Marzu 2009):

*"Il-Qorti hi tal-fehma li dawn iz-zewg kelmiet huma sinonimi ta' xulxin, u jindikaw attività persistenti u kostanti. Attività li tista' tghid tkun drawwa. Li persuna ssellef flus ma jfissirx b'daqshekk li awtomatikament taqa' fid-definizzjoni ta' istituzzjoni finanzjarja."*

Ma ngabet ebda prova li Mario Galea Testaferrata jista' jitqies bhala li kien jislef il-flus b'mod regolari jew abitwali lil xi persuna ohra minbarra l-attur, u dan ghalkemm jammetti li f'xi okkazjonijiet silef lil terzi. Madankollu l-Qorti m'hijiex sodisfatta li dan kien isir b'mod regolari fis-sens regolat mill-ligi. Ghalkemm silef ammonti konsiderevoli lil Ronald Azzopardi, ma jirrizultax mill-atti li silef lil persuni ohra. Ghaldaqstant, l-ewwel tlett talbiet li huma kollha ppernjati fuq self irregolari, qeghdin jigu michuda.

Il-Qorti ser tghaddi ghalhekk biex tqis ir-raba' talba tal-atturi fuq imsemmija, cioè dik li l-ammonti mnizzla fl-iskrittura u atti pubblici jikkomprendu imghax oltre t-8%.

L-Art. 986(2) tal-Kodici Civili jipprovdi illi:

*"Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 1852 u ta' kull disposizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi jew ta' xi liġi oħra, kull obbligazzjoni għall-ħlas ta' mgħaxijiet f'iżjed minn tmienja fil-mija fis-sena hija wkoll nulla għal dak li hu żejjed."*

L-Art. 1850 imbaghad jipprovdi ukoll illi:

*"(1) Hu leċitu l-ftehim għall-imgħaxijiet fuq self, sew ta' flus kemm ta' merkanzija jew ħwejjeġ oħra mobbli.*

*(2) Jistgħu wkoll jitbiddlu f'kapital ġdid, b'imgħax, l-imgħaxijiet magħluqa, basta li dawn l-imgħaxijiet ma jkollhomx jingħataw għal żmien ta' anqas minn sena.*

*(3) Kull ftehim ieħor ta' mgħaxijiet fuq imgħaxijiet, ma jiswiex."*

Il-Qorti qieset fil-kuntest il-principju generali illi "contra scriptum testimonium non feritur". Madankollu, dan ma jfissirx li l-Qorti hija prekluza milli tissindika l-istess f'kaz ta' htiega.

Il-principji regolatorji gew elenkati fil-fuq citata sentenza Azzopardi vs Bonello. Ukoll fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza Ciappara et vs Mifsud et (29 ta' Frar 2008) ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"Illi, ghalkemm huwa minnu li pacta sunt servanda u li l-kuntratti jobbligaw lill-partijiet fit-termini taghhom, kif ukoll li l-kuntratti ghandhom il-prezunzjoni tar-realtà u tal-validità; daqstant huwa stabbilit fil-ligi li wiehed mir-rekwiziti essenzjali ghall-validità tal-kuntratti u tal-konvenzjonijiet huwa li dawn ghandhom ikun bazati fuq kawzi leciti, b'mod li kawza illecita sservi sabiex tirrendi nulla il-konvenzjoni, in toto jew in parte, skond il-kaz15. Di più il-principju contra testimonium scriptun non scriptum non fertur isofri minn deroga fil-kaz li fil-kuntratt ikun hemm simulat jew kamuffat ftehim li mhux permess mill-ligi, anzi jkun espressament projibit bhal ma hija l-impozizzjoni ta' l-imghax in eccess ghal dak stabbilit mill-ligi. Tali simulazzjoni tista' tigi pruvata mhux biss bi provi diretti imma anke permezz ta' prezunzjonijiet u kongetturi, purché dawn ikunu gravi, precizi u konkordanti, u mhux kontradetti minn prezunzjonijiet u indizji ohra. [AC.Salvatore Debono vs Carmelo Zammit et [1946] Vol.32B.I.343; AC.PL.Ettore Caruana Scicluna vs Neg.Ugo Pace et. [1949] Vol.33B.1.390] L-indizji tas-simulazzjoni mhux biss iridu jkunu gravi, precizi u konkordanti, imma jiridu jkunu tali li kontra taghhom ma jkunx hemm indizzi ohra li jiggeneraw dubju li l-att seta' kien veru u reali.[PA [1948] Emma Ciappara va Salvatore Camilleri Vol.33E.II.307]."*

Il-Qorti ezaminat bir-reqqa kollha il-provi kollha prodotti fid-dawl tal-fuq riferit insenjament.

Il-Qorti m'ghandha ebda esitazzjoni tiddikjara dubbjuza u f'xi postijiet inveritiera xi xhieda tal-konvenut.

Il-Qorti tqis inversosimili ghall-ahhar li bejn il-partijiet ghaddew transazzjonijiet ta' flus ta' entità konsiderevoli minghajr ma hadd minnhom ma zamm notament car u inekwivoku ta' x'ammonti gew mislufa, u x'ammonti verament thallsu lura. Il-Qorti tasal biex taccetta li bejn zewg ihbieb ma ssirx skrittura specifika f'kull self, però mhux li hadd mill-partijiet ma huwa f'posizzjoni li jaghti rendikont preciz tas-sitwazzjoni. Lanqas ma tista' tigi emmnuta l-verzjoni ta' Mario Galea Testaferrata li fuq perjodu ta' anqas minn erba' snin ghadda kwazi tlett mitt elf lira lil Ronald Azzopardi minghajr ma qatt sar ebda pagament akkont lura.

Madankollu, Mario Galea Testaferrata ressaq prova sodisfacenti illi huwa ghadda lil Ronald Azzopardi s-somma ta' Lm285,000 (ara dokumenti MGT1 sa MGT8). Jixhed ukoll:

> *"Jiena ghandi amment li tajtu aktar flus."*

Ta dawn is-somom ulterjuri, però, ma gab ebda prova.

Ghar-rigward tal-ammonti mhallsa lura minn Ronald Azzopardi din il-Qorti tqis li l-unika prova sodisfacenti u accettabbli li ngabet lil din il-Qorti huwa l-propsett esibit in atti a fol. 137, li jikkonferma biss rifuzjoni tal-ammont komplessiv ta' Lm5400. Minn dan il-Qorti tqis li b'hekk l-ammont pruvat li hu dovut huwa ta' Lm279,600.

Il-konvenuti fis-sottomissjonijiet taghhom iressqu l-allegazzjoni ta' novazzjoni. Hija l-fehma ta din il-Qorti li dan kellu jsir fin-nota ta' eccezzjonijiet u mhux finalment fis-sottomissjonijiet. Madankollu, anki kieku kellha titqies din is-sottomissjoni, il-Qorti tirreferi ghal dak li sostniet il-Qorti tal-Appell fil-kawza Ciappara et vs Mifsud et (29 ta' Frar 2008):

*"Ghar-rigward tal-prova ta' l-uzura, din il-Qorti taqbel ma' dak li osservat l-ewwel Qorti fis-sens li, anke jekk il-kuntratt ta' Awissu 1989, ghandu jitqies li holoq novazzjoni, dan m'ghandux jigi ezaminat izolament, daqs li kieku ma gara xejn qabel. In-novazzjoni oggettiva, li qed tirreklama s-socjetà konvenuta, tissostitwixxi ghall-obbligazzjoni antika, wahda gdida, izda dan ma jfissirx li ghall-ezami ta' l-allegazzjoni li l-obbligazzjoni l-gdida hi kolpita b'illiceità, m'ghandhiex issir referenza ghall-obbligazzjoni precedenti bhala prova ta' dik l-illiceità. L-uzura hija illegali u rizultat ta' dolo, u l-prova tista' issir bi kwalunkwe mezzi li tippermetti l-ligi. Ic-cirkostanza ta' kif dejn ta' Lm145,000, sar f'temp ta' sena, Lm108,258, nonostante pagament ta' Lm125,000 fil-frattemp, irid jigi spjegat, u meta kreditur, rinfaccjat b'dawn il-figuri, ma jkunx jista' jirribatti l-allegazzjoni ta' uzura mressqa mid-debitur, allura l-prova ta' illiceità tkun saret."*

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimati limitatament kif spjegat aktar 'il fuq f'din is-sentenza:

1. tichad l-ewwel tlett talbiet tal-atturi;

2. tilqa' r-raba' talba u tiddikjara illi l-ammonti ndikati fl-iskrittura tat-28 ta' Ottubru, 2003 u fl-atti pubblici datati 25 ta' Frar 2004 u 25 ta' Gunju 2004 jikkomprendu imghax oghla minn dak permess fil-ligi;

3. tilqa' l-hames talba fis-sens li tirriduci l-ammont dovut ghas-somma ta' Lm279,600 (mitejn disa u sebghin elf u sitt mitt Ewro) ekwivalenti ghal €651,293 (sitt mija u wiehed u hamsin elf mitejn u tlieta disghin Ewro);

4. tichad is-sitt talba;

5. tichad is-seba' talba;

6. tichad it-tmien talba;

7. tichad id-disa' talba b'dana però illi kull ammont relatat mal-mandati kollha u s-subbasta 115/2004 ghandu jigi ridott ghal Lm279,600 (mitejn disa u sebghin elf u sitt mitt Ewro) ekwivalenti ghal €651,293 (sitt mija u wiehed u hamsin elf mitejn u tlieta disghin Ewro).

L-ispejjez relatati mal-ewwel tlett talbiet jithallsu mill-atturi;
L-ispejjez relatati mar-raba' u hames talba jithallsu mill-konvenuti; filwaqt li
L-ispejjez relatati mat-talbiet rimanenti jithallsu mill-partijiet fi kwoti ndaqs bejniethom.

IMHALLEF

DEP/REG